**Santa Luċija**

**Minuti**

**It-Tmien Leġislatura**

**Laqgħa Numru 63/2023**

**26 ta' Ottubru 2023**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-05:30 p.m.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Charmaine St John | Sindku |
| Frederick Cutajar | Viċi Sindku |
| Terrence Ellul | Kunsillier |
| Kylie D'Amato | Kunsilliera |
| Liam Sciberras | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv |

**Assenti b'Apoloġiji (Skond Ordni Permanenti 14A (3))** :

Ħadd

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**63.01 Talba**

63.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**63.02 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

63.02.01 Is-S.E. informa li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**63.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 63-23**

63.03.01 Il-Minuti tal-Laqgħa 62-23 kienu ġew iċċirkolati qabel is-seduta u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Il-Minuti ġew approvati unanimament bil-Kunsilliera D'Amato tipproponi w l-Viċi Sindku jissekonda.

**63.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

63.04.01 Is-Sindku tat dettalji taż-żjara tagħha flimkien mal-Kunsilliera D'Amato ġewwa ċ-Ċina ftit tal-granet ilu.

***Il-Kunsillier Sciberras ingħaqad mal-Kunsill fil-5.35pm***

63.04.02 Is-Sindku qrat l-oġġezzjoni li konna rċivejna mingħand il-Perit tal-Kunsill għaż-żewġ applikazzjonijiet li konna tlabnih jipprepara oġġezzjoni. Inizjalment il-Kunsillier Sciberras ikkummenta negattivament fuq dawn l-oġġezzjonijiet pero' fuq insistenza tal-Viċi Sindku, huwa rtira l-kummenti tiegħu. Il-verżjoni għall-oġġezzjoni kif ippreparata mill-Perit u emendata mill-Kunsillier Sciberras ġiet approvata unanimament. Ġie unanimament deċiż ukoll illi l-Kunsill għandu joġġezzjona kull

meta jkun hemm applikazzjoni fuq ODZ kif ukoll kull meta l-għoli tal-iżvilupp ikun ser jeċċedi l-għoli tal-maġġoranza tar-residenzi fit-triq partikolari. Ġie unanimament deċiż ukoll li l-Perit tal-Kunsill għandu jiġi kkonsultat sabiex jipprepara l-oġġezzjoni f'isem il-Kunsill.

63.04.03 Is-Sindku uriet id-diżappunt tagħha għall-fatt li minn 148 li kienu applikaw għall-injezzjoni tal-influwenza, kienu biss 27 li marru biex jieħdu l-injezzjoni. Hija irringrazzjat lil Yvette Zahra u Carmen Spiteri għall-għajnuna tagħhom sabiex setgħet issir din l-inizjattiva.

63.04.04 Is-Sindku nfurmat li l-Van li konna xtrajna bil-fondi tal-LESA kien ġie inawgurat fil-ġranet li għaddew u li bi prova s-servizz kien ser jiġi pprovdut fis-0700, l-1000 u 1200 u l-vjaġġi kien user ikunu ghall-iSptar Mter Dei, *Health Centre* ta' Raħal Ġdid u d-dar tal-anzjani ġewwa Ħal Tarxien.

63.04.05 Rigward il-*Clean-up Campaign* li kienet ipproponiet il-Kunsilliera D'Amato aktar kmieni din is-sena, s-Sindku nfurmat li kien ser ikollha laqgħa mas-Sur Ramon Deguara mill-*Cleansing Dept*. u kienet ser tara x'għajnuna jista' joffrilna.

63.04.06 Is-Sindku issuġġeriet li matul ix-xahar ta' Novembru, Triq l-Ibiskus għandha tinxtgħel bil-blu fl-okkażjoni ta' Movember. Dwar dan kien hemm qbil.

63.04.07 Is-Sindku spjegat li kellha laqgħa oħra mal-Perit li kienet qed tieħu ħsieb tiġbor id-data dwar ir-ranep sabiex inkunu nistgħu ngħadduha lil-Awtorita tad-Djar u li fil-gejjieni qarib kien ser ikollna r-rapport f'idejna. Hija qalet ukoll li x-xoghol fuq ir-rampa quddiem Flats Indipendenza kien ser jibda nhar it-Tnejn.

63.04.08 Is-Sindku nfurmat li kienet ghadha qed tistenna data sabiex isir MOU mad-Dipt. tal-Edukazzjoni sabiex residenti ta' Santa Lucija jkunu jistgħu jagħmlu użu mill-faċilitajiet tal-iskola sekondarja.

63.04.09 Is-Sindku spjegat li *Project Green* kienu għadhom qed jinsistu li l-Kunsill johrog *No Objection* sabiex tkun tista' ssir bankina fi Triq il-Pepprin. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li mhux talli l-Kunsill ma kienx ser joħroġ in-*No OBjection* talli kien ser joġġezzjona li ssir bankina kif propost.

63.04.10 Is-Sindku nfurmat li s-Servizz tal-Komunità ġewwa Santa Lucija għandu Surġent ġdid u li kienet ser issir laqgħa magħha fil-ġranet li ġejjin. Il-Kunsillier Sciberras insista li meta tinħareġ xi statistika dwar ix-xogħol imwettaq fil-lokalita', din għandha tkun esklussivament dwar il-lokalita' tagħna.

63.04.11 Is-Sindku nfurmat li fil-ġranet li ġejjin kien ser ikollha laqgħa mas-Sur Adrian Mizzi li kien qed jieħu ħsieb il-Kunċert tal-Milied li ser isir is-Sibt 16 ta' Diċembru. Kien hemm qbil li l-*Party* ghat-tfal ta' Santa Luċija jsir it-Tlieta 26 ta' Diċembru.

63.04.12 Is-Sindku nfurmat li kienet ser torganizza attività għal Ta' Qali u l-Mdina fl-20 ta' Novembru.

63.04.13 Is-Sindku nfurmat li konna rċivejna korrispondenza dwar Libreriji fil-Miftuħ ġewwa l-lokalitajiet u ġie deċiż li l-Kunsill għandu japplika sabiex ikollna waħda simili ġewwa Ġnien is-Serenita'

63.04.14 Is-Sindku nfurmat li kien hemm studenta mill-MCAST li xtaqet tagħmel 20 siegħa ġewwa l-librerija b'mod volantarju bħala parti mill-istudju tiegħu. Il-Kunsill approva din it-talba.

**63.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

63.05.01 Is-S.E. informa li ma kienx hemm mistoqsijiet.

**63.06 Korrispondenza, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

63.06.01 Ċirkulari 18/2023 mid-DLG dwar Ħatra ta' DG *designate* għall-Gvern Lokali. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut ta' din il-korrispondenza.

63.06.02 Korrispondenza dwar żjara minn membri tal-Kunsill tal-Ewropa ġewwa l-Kunsill tagħna li ser issir fit-8 ta' Novembru. Is-Sindku nfurmat flimkien mas-SE kienet ser tiltaqa mal-President tal-AKL

bħala preparazzjoni għal din il-laqgħa li kienet miftuħa għall-Kunsillieri wkoll. Il-Viċi Sindku nforma li kien ser jattendi.

63.06.03 Korrispondenza mingħand id-DLG dwar SPI/SCI/4/2023 - Skema ta' Finanzjament - Komunitajiet aktar siguri u organizzati fejn il-Kunsill kien ser jieħu €10,200 sabiex ikunu jistgħu isiru CCTVs ġewwa Ġnien is-Serenita'.

63.06.04 Korrispondenza mingħand l-*Active Ageing & Community Care* dwar xi nuqqasijiet li kienu nstabu waqt *Risk Assessment* li kien sar ġewwa t-*Tea Room* fi Gnien is-Serenita' u li issa kienu ġew solvuti. L-Kunsill ħa nota tal-kontenut ta' din il-korrispondenza.

63.06.05 Ċirkulari Cir AKL 2023/090 mingħand l-AKL dwar Tnedija tad-dokument "Walkability and Accessibility" 02/11/2023. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut ta' din il-korrispondenza.

63.06.06 Korrispondenza mingħand Gardania fejn ġejna nfurmati li x-xogħol fuq Ġnien Simbjożi kien ser jibda lejn l-aħħar ta' Ottubru. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut ta' din il-korrispondenza.

63.06.07 Korrispondenza mingħand Melita Ltd. fejn dawn offrew li jipprovdu servizz, bi ħlas, tas-sistema ta' WiFi fejn qabel kien offrut mill-Gvern Ċentrali permezz ta' Tech.mt. Il-Kunsill iddeċieda li ma jidħolx għal din l-inizjattiva.

63.06.08 Korrispondenza mingħand ir-Reġjun Nofsinhar dwar Ċelebrazzjoni t'għeluq ir-Reġjun Kulturali 2023 Is-SE intalab sabiex jerġa jibgħat kopja tal-korrispondenza lill-Kunsillieri.

63.06.09 Korrispondenza mingħand Kevin Mahoney sabiex il-*Jogging Track* tingħata l-isem ta' Raymond Mahoney. Peress li l-Kunsill f'laqgħa preċedenti kien iddeċieda b'mod differenti, l-Kunsillier Sciberras ressaq mozzjoni b'urġenza li kienet issekondata mill-Viċi Sindku, sabiex it-talba tas-Sur Mahoney tkun tista' tintlaqa.

63.06.10 Korrispondenza mingħand il-*Victim Support Agency* fejn il-Kunsill ġie mistieden sabiex jattendi għall-konferenza Annwali. Il-Kunsilliera D'Amato uriet interess li tattendi jekk tippermettilha x-xogħol.

63.06.11 Korrispondenza anonima dwar vetturi abbandunati fi Triq il-Qoton. Kien hemm qbil li għandna ninfurmaw lill-Pulizija tal-Komunita' b'dan l-ilment

63.06.12 Korrispondenza mingħand residenta dwar vannijiet tal-iskola li kienu qed jimblukkaw l-aċċess fi Trq it-Tulipan. Ġie deċiż li għalissa ma għandu jsir xejn peress li jidher li din il-problema nqalgħet issa peress li qed isir xogħol f'toroq fil-viċin u għalhekk l-aċċess kien limitat.

63.06.13 Talba mingħand l-*Animal Welfare* sabiex il-Kunsill jirritorna *trap* tal-qtates li l-Kunsill kien issellef mingħandhom xi żmien ilu. Is-SE informa li din it-*trap* kient għand residenta li kienet qed tgħid li għad għandha bżonnhom. Fiċ-ċirkostanzi ġie deċiż li għandna nkellmu lis-segretarju Parlamentari responsabbli mill-*Animal Welfare* forsi jirnexxilna nestendu z-zmien tal-kirja ta' din it-trap.

63.06.14 Korrispondenza mingħand il-*Malta Community Chest* Fund dwar jekk il-Kunsill kienx ser ibiegħ *T-shits* fl-okkazjoni tal-Mixja tal-President 2023. Il-Kunsill iddecieda li ma jippartecipax f'din l-inizjattiva.

**63.07 Rapport Finanzjarju – It-Tielet Kwart Jannar / Settembru 2023**

63.07.01 Peress li kopja ta' dan id-dokument kienet tqassmet minn qabel lill-Kunsillieri, dan ġie meqjus bħala moqri u approvat unanimament.

**63.08 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti 63/23**

63.08.01 L-iskeda ta' Pagamenti 63/23 ġiet approvata unanimament.

*Qabel spiċċat il-laqgħa, l-Kunsillier Sciberras informa li kien ġie nfurmat li wieħed mill-ħaddiema tal-Kunsill kien qed jgħaddi xi kummenti negattivi fil-konfront tiegħu. Huwa qal li din hija t-tieni darba din is-sena li kien hemm inċident simili u li l-ewwel darba kien kellem lis-SE u ħaseb li l-problema kienet solvuta però jidher li ma kienx hekk. Huwa qal li jekk ikun hemm sitwazzjonijiet simili fil-futur, huwa ma kienx ser jiddejjaq isemmi l-isem ta' dan l-impjegat u kien anke ser jitlob li jinħareġ warning fil-konfront tiegħu. F'dan l-istadju s-SE wiegħed li kien ser jinvestiga l-każ u jekk ikun hemm bżonn, iż-żewġ partijiet jiltaqgħu fil-presenza tiegħu sabiex jiġu ċċarati l-affarijiet darba għal dejjem.*

**63.09 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

63.09.01 Il-laqgħa ntemmet fis-7:10 p.m. u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir il-Ħamis 30 ta' Novembru 2023 fil-5:30 p.m.

**Konfermati illum il-Ħamis 30 ta' Novembru 2023.**

| | |
|---|---|
| **Charmaine St John**<br>**Sindku** | **Fabian Mizzi**<br>**Deputat Segretarju Eżekuttiv** |